# NIESNA GĦADHOM IGĦIDUHOM

Lil Ġanni minn xuxtu bajda qotna tagħirfu li hu xiħ ġmielu; ftit ikollu x'jagħmel u għalhekk iqatta sigħat sħaħ ilablab u jħarref. Għandu ħażin li sikwit iħallat il-praspar tiegħu ma' dak li ġara tassew u għalhekk mhux dejjem wieħed jista' jara sa kemm għandu jemmnu. Jarġa' mbagħad ma jinqalax ħwejjeġ kbar biex jiġbdek bi kliemu. Trid taħseb li qatt ma rifes fi skola. B'daqshekk it-tfal iħobbu jisimgħuh; u Bertu, żagħżugħ imfarfar, bin il-bdiewa hu wkoll, fl-għaxijiet dejjem issibu miegħu.

Darba, xħin kien beda jbexbex id-dlam ġmielu, Ġanni kien qiegħed iħarref bħal dari. Wara ftit Bertu, biex igħid xi ħaġa, qabeż qallu: "Isma Ġann, nisma għax bil-fors, u nemmen 'k'irrid."

"Agħmel int; jien sa ngħid waħda li għandha x'taqsam maċ-Ċimiterju."—Ħadd ma tniffes u Ġanni baqa' jgħid: "Mela darba waħda fost l-oħrajn kien hemm xewla nies fil-ħanut tal-Burqax u kienu qegħdin jieħdu belgħa nbit fost iċ-ċajt, xi għanja, u l-hena ta' kulħadd. Meta għamel il-ħin u kienet daqqet 'Ta' l-Imwiet,' wieħed minnhom, is-Smin, għolla leħnu u qalilhom: "Nagħmlu mħatra, ħa, li ħadd m'għandu l-ħila jmur iċ-Ċimiterju jwaħħal dawn l-imsiemer ta' erbagħ pulzieri fil-għatba tal-kamra tal-mejtin? Ħarġet?" Hawn kollha bdew iħarsu lejn xulxin; imma mbagħad 'Il-Gidi' li kien iridha ta' qalbieni tassew, niżżel pinta nbid f'nifs wieħed, mesaħ xoftejh b'minkbejh u wieġeb: "Nindaħal għal l-imħatra; imma l-Imgħaddam irid iżomm kelmtu u jħallas l-imħatra." Dak qallu: "Tiħux ħsieb: dejjem ħriġt ta' raġel."

Billi kienet lejla xitwijja, il-Gidi tkebbeb tajjeb ġol kabozza, qabad tliet imsiemer twal u rixa biex isammarhom u telaq waħdu għaċ-Ċimiterju li għalkemm ma kienx fil-bogħod, kien jinsab fl-aktar post wiegħri u ikraħ ta' qrib ir-raħal. F'qasir żmien wasal u beda jsammar kemm jiflaħ; u mill-ħsejjes li għamel dawk tal-ħanut setgħu jaraw li kien waħħal it-tliet imsiemer; u ħasbu li kien beda riega lejhom. Imma minnufih semgħu twerżiqa li tbażża, u l-għajta baqgħet tinstama u tidwi mal-plajja sa waslet fuq l-għolja u reġgħet lura.

Dawk li kienu fil-ħanut bdew jitħassbu u wara ftit telqu biex jaraw x'kien ġralu. Xħin waslu sabuh għadu jgħajjat. Tafu x'kienet il-biċċa? Il-Gidi fil-fixla sammar il-kabozza mal-għatba; u tgħammad biha u xxebbek fiha hekk tajjeb li ma setax jeħles minnha. Meta ġralu hekk, ħaseb li l-erwieħ kienu qegħdin idaħħluh fil-qabar, biex jidfnuh ħaj. U twerwer hekk bl-ikraħ li meta

dawk waslu sabuh mitluf, barra minn sessih, kont tgħid waslitlu li ma kienx għadu jwerżaq bil-waħx li twaħħax. Ħaduh id-dar u l-Imgħaddam tah in-nofs lira; għax kien rebaħ l-imħatra.

Imma ġietu qarsa, għax man-nofs lira laqqat marda ta' xahrejn u (li hu agħar) it-tgergir ta' martu sakemm damet ħajja."

Hawn Bertu qal: "Din nemminha Ġann," u x-xwejjaħ wieġeb: "Kif jogħġbok; biss ingħidlek li l-Ġidi għadu ħaj u xi darba nieħdok miegħi ħdejh biex tistaqsih. Hu mhux minn hawn."

"Għidilna xi oħra, Nan" qabeż qal qrampuċu ta' tifel. Ġanni reġagħ qabbad il-pipa, ħares lejn it-tfal, imbagħad lejn Bertu, u ħammel gerżumtu u qal : "Taf int il-bdiewa jħobbu jmorru bil-bigħa bil-lejl biex ikunu jistgħu jagħmlu xogħol ieħor bin-nhar. Mela isma din : Darba, wieħed kien sejjer u meta wasal quddiem iċ-Ċimiterju ta' Ħal-Lija lemaħ qattus kbir iswed tuta b'żewġ għajnejn donnhom xrara nar. Malli rah waddablu daqqa ta' ġebla u melles daħar il-bagħal biex jibqa' miexi.

Il-qattus ma tħarrekx; imma b'leħen ikraħ tkellem u qallu : Tinbixx lil min ma jinbxekx."

Issa, x'sar mill-qattus jew x'kien, dak il-bniedem qatt ma seta' jfisser u jgħid."

Hawn indaħal Bertu: "Kos, din smajtha minn għand innannu wkoll, Alla jaħfirlu. Kien igħid li dak il-bniedem kien jafu, u li miet qasir il-għomor."

"Lil niesu baqatilhom "tal-qattus," forsi tismagħhom igħidu."

"Jien ftit naf nies li mhumiex minn hawn."

"Ingħidilkom oħra f'malajr." Iż-żgħar flimkien: "Iktar ukoll Nan," u Ġanni beda.

"Tafu li aħna u ġejjin mill-Musta hemm għar igħidulu Għar Qasrana? Tajjeb; dak igħidu li kien fih il-ħares. U għalhekk f'raxx id-dlam ħadd ma kien jissogra ideffes rasu ġo fih bla biża'. Lejla waħda fl-eqqel tax-xitwa, waqt li kienet nieżla ħalba xita bil-qliel, kien għaddej bidwi minn quddiem dan il-għar u fettillu jidħol jistkenn ġo fih. Hu u dieħel, kollu beża' beda jgħid xi talb biex jitbegħdu l-erwieħ il-ħżiena minn dak l-għar u temm talbtu billi għajjat l-aħħar kelmiet "... patris Santi Ammien (ma nafx x'ried igħid sewwa) jekk hawn xi ħaġa toħroġ ħalli nidħol jien".

Hawn sema' għajta li twaħħax u fl-istess ħin leħen oħxon qal: It-tnejn ma jasagħniex?" Ma stenniex kliem ieħor l-imsejken bidwi; imma qala' saqajh daqs dik il-lejla qatt.—Taqtgħu x'kien ġara ? Fil-għar kien hemm wieħed għal kenn, u kellu mogħża miegħu. Meta nduna li dak li kien dieħel kien jitwaħħax għal

ħewt gidem widint il-mogħża, hi għajtet waħda u hu ħa sehem magħha b'leħnu."

Hawn Bertu: "Ċiss, imbagħd tgħid min jagħtik qatgħa."

"Darb'oħra, qrib l-għar ġrat oħra li jaqbel tismagħha. Partiżan kien ġennien li kuljum kien jieħu l-qabda tal-biegħa fuq ħmara lewnha ixkeb. Lejla waħda ddawwar iktar minn dari, u waqt li wasal quddiem il-għar kien daħal il-lejl sewwa. Imma Partiżan kien raġel tajjeb, u xejn qisu ma kien ibeżżgħu: għalhekk ħalla, l-għar urajh u jgħanni kien u jgħanni baqa'. Imma meta ra ımara liebsa l-abjad miexja qajl qajl urajh, dak i-ħin, beda jitħawwad x'sa jaqbad jagħmel. Fl-aħħar hi kellmitu u qaltlu: "Għannili għanja, Partiżan." Partiżan kien ilu jaħseb li dik kienet xi ħaġa ħażina, għalhekk għannielha:—

"Sa ngħannilek din il-għanja
Għax il-lejl għamel ftit bija:
Insemmilek l-isem ħelu
Ta' Gesù u ta' Marija."

Għal dawn l-ismijiet dik il-mara saret kobba nar u ma dehretx iżjed."

Hawn l-iżgħar fosthom fetħu ħalq u għajnejn daqshiex; saħansitra Ġanni bejn stagħġeb, bejn twaħħax u bejn ma emminx; u qal: "Ma nafx jien; aħjar biżżejjed Ġann"; imma u la x-xwejjaħ u l-anqas it-tfal ma ħasbuha bħal Bertu. Għalhekk Ġanni b'daħka tiddi f'għajnejh, bħal meta wieħed jirbaħ lil xi ħadd, ħares lejn il-ġemgħa ta' tfal minn ġo d-duħħan u ġieh f'rasu li kien qishom dehra tal-mejtin tiegħu, u tbissem fid-dmugħ; u beda jħarref malajr:—

"Mela darba kien hemm raġel riekeb fuq il-karrettun u sejjer bil-lejl għal xogħlu. Daqqa waħda sema' krib bħal ta' tarbija mweġġgħa; li kienet qiegħda tingħi; dar iħares u ra tabilħaqq li kienet tarbija tal-fiskija mħollija f'nofs ta' trieq, aktarx mitlufa. Refagħha u billi kien ta' qalb ħanina, ħadha miegħu r-razzett, u xtaq li martu tnaddafha u tlibbisha aħjar għax ma kenetx għajr imgeżwra f'dendul xkora. Martu ħallitha, imma l-qatgħa li ħadet swietilha t-taħsir ta' demmha; għex kif kixfitha lit-tarbija sabet li kienet xi għafrit b'rasu ta' tarbija u l-bqija taħt sura ta' bhejjem l-iżjed koroh: xejn xejn saqajha kienu ta' barri. Malli ntebħu x'kienet, hi qaltilhom: "Ħuduni fejn kont, għax ħażin ikun għalikom. "U r-raġel kellu jarġa' jqegħidha fejn kienet.

Din nafha għax ħadtha minn fomm in-nannu li miet ta' qrib il-mija u ilu mejjet xi ħamsin sena! Eħ! kif igerbeb iż-żmien! Uliedi ftit ieħor u mmorru." Peppi ta' Ħenżula jgħid li darba

lil missieru ħallmu l-Ħares, u qallu li jekk imur miegħu jagħtih zir flus. Ħenżula ħareġ mill-għorfa u mar għal urajh siekit siekit għax ir-regħba tal-flus kienet qawwija ġo qalbu. Bdew mexjin min-nofs l-irdajjem: imma Ħenzula ma ftakarx li qatt kien ra xi ħaġa milli dak il-ħin kien qiegħed jara. (Għax għandkom tkunu tafu li l-Ħares juri ħaġa b'oħra). Sa fl-aħħar waslu f'xatt il-baħar u l-ħares lil Ħenzula qallu biex jirkeb fuq dahru biex jieħdu l-art l-oħra li kienet xi minn hawn sa Għawdex. Widdbu wkoll biex ma jitkellimx waqt it-titjira. Ħenzula ddendel ma' għonq il-Ħares u bdew sejrin il quddiam. Imma meta ġew f'nofs il-baħar, ħut l-iktar ikrah beda donnu jrid jiblagħhom u l-irjieħ qamu minn erbagħ naħiet, u, biex taqagħd, il-baħar sar baħar ta' nar. U Ħenzula deherlu li kien nieżel għar-rasu f'nofs dan in-nar, u ħaseb li kien nieżel sabiħ sabiħ fl-infern. Hawn qabad igħajjat u semma l-ismijiet imqaddsa ta' Gesù u ta' Marija. F'daqqa waħda sab ruħu fil-għorfa mimdud fuq marqdu." Hawn it-tfal bdew jibżgħu sewwa; u x'ħin ħarsu ċass lejn Ġanni, kien hemm minnhom min ħaseb li jista' jkun li Ġanni ma kienx hu n-nifsu imma l-Ħares. U wieħed wieħed inkiss inkiss bdew jitbegħdu bil-ħeffa biex imorru jorqdu. Dak il-lejl ħafna minnhom ħolmu ħolm ikraħ fuq Ħirsien ta' kull għamla. Ġanni x-xiħ għela għax ra li kien beżżagħhom iżżejjed; u webbilha f'rasu li lilhom ma jħarfilhomx iżjed fuq ħwejjeġ hekk koroh.

Bertu baqa' hemm u staqsa: "Ġann minnu li l-Ħares kienu jarawh? Nifhem jien kollox qligħ in-nies." Ix-xiħ kemm kemm ma tqarrasx; iżda wieġeb bil-ħlewwa: "Ħa ngħidlek; jiena qatt ma rajt xejn; imma missieri jekk ma rax il-Ħares, għal l-inqas semgħu taf. Biex tara kemm hu hekk isma din: "Missieri ta' fqajjar li kien, kien joħroġ jaħdem il-barra lejn Ħal-Lija. Bil-lejl ma kienx jiġi hawn ir-raħal imma kien jorqod f'dar li kellna l-Musta, fil-ħâra ta' l-Iskola l-Qadima. Id-dar tal-ġirien kienet miżmuma min-nies billi kien fiha l-Ħares; u hekk kien. Missieri bfl-lejl kien joqgħd jitħasses biex jara jismax xi ħaġa. Wara ta' l-Imwiet kien jibda jisma' bħal tberrin ġol-ħajt. Il-ġirien kienu jgħidu li fl-istess ħin kienu jisimgħu bħal saqajn ta' baqra jballtu u joqomsu fuq il-bejt. U waħda minnhom lil missieri qaltu li l-Ħares daħlilha taħt is-sodda u refagħha bit-tarbija b'kollox: it-tarbija tgħawret min-nufih, u jekk taf lil Budebbus tista' tara s-sewwa ta' din il-ġrajja b'għajnejk stess; għax Budebbus mhux werċ bil-ftit.

Għax qiegħed tistagħġeb? Waħda mill-Ġnejna kienet tgħid li l-Ħares kien iżommilha t-tfal; ibenninhom, u jqigħedhom ġwej-din. Imbagħad bħala ħlas kien iteftef ftit tisjir, imma kien iridu bla melħ, u kien jieklu jaħraq mill-borma. Lil ommhom kien iġibha ħafna għax kienet tħobb il-fqar. Igħidu mbagħad li lil dik tal-Musta kien jobgħodha għax kellha qalbha ħażina ma'

kulħadd; u qatt ma kienet toqgħod għal dak li kien igħidilha hu."

"Naħseb u narġa' ngħid li huma ħrejjef li ma jitwemmux kif ġieb u laħaq : aktarx ħalquhom nies lablaba."

"Int ma temminx għax daż-żmien, kemm ilha li bdiet issir il-Vija Sagra, l-erwieħ il-ħżiena nqerdu kollha; qabel ma kienx hekk. Minn ta' l-Imwiet sal-Pater Noster, fl-arja kienu jkunu iktar sfieq min-nemus.

"Beda jagħmel il-ħin; aħjar ninġabru. Il-lejl it-tajjeb Ġann''

"Lilek ukoll Bert."

*

* *

Ġanni raqad f'leħħa ta' berqa; imma moħħ Bertu dam ħafna jitbaħrad mal-ħrejjef li kien sama', u ma emminx; sa kemm għajnu marret bih u deherlu li kien qiegħed jimraħ ma' sħabu fix-xagħri, u fl-għelieqi: u l-praspar tax-xwejjaħ Ġanni, sfaw fix-xejn.

O. V.